12 ta' Lulju, 1965.

**Imhallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Alfred Vella-Gera

*versus*

Edwin Bonnici pr. et ne.

## Copyright — Ksur ta' — Danni — Skrittura — Prova Kontra l-Iskrittura

*Ghal validita ta' kull trasferiment ta' "copyright", kemm ta' kwalunkwe dritt dwaru tinhtieg li skrittura.*

*Provi, mhux biex jispjegaw jew jikkjarifikaw xi haga ambigwa jew oskura fl-iskrittura, iżda biex jippruvaw ftehim differenti, mhumiex permessi.*

*Normalment meta jigi pruvat ksur ta' "copyright" ir-rimedju tad-danni ghandu jinghata minghajr ma jkun hemm bżonn li jigu ppruvati danni attwali; iżda l-Qorti ghandha diskrezzjoni biex tista tirrifjuta dak ir-rimedju jekk jirriżulta li m'hemmx probabilita ta' danni jew li l-ksur u d-danni huma trivjali.*

*Dawn id-danni, in generali, jikkonsistu fid-deprezzament kagunat bil-ksur fil-valur tal-"copyright". Biex jitqiesu ghadhom jittiehdu in konsiderazzjoni iċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, iżda l-profitt li sata talvolta ghamel mill-infrazzjoni mhux haga li ghandha tittiehed in kunsiderazzjoni.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur — wara li ppremetta li bejn il-partijiet kontendenti ġiet iffirmata skrittura privata fit-tnax ta' April, 1958 hemm annessa bħala dokument "A" li permezz tagħha kontra kumpens ta' tnax il-lira (£12) li l-konvenut ħallsu, dan ikkonsenja lill-konvenut xi 'coloured transparencies' fl-istess skrittura msemmija sabiex il-konvenut ikun jista' jużahom fl-istampa ta' kalendarji li kien bi ħsiebu jagħmel, u li, kif ser jirriżulta waqt it-trattazjoni tal-kawża, il-konvenut irriproduċa l-imsemmija 'transparencies' jew x'uħud minnhom fuq artikoli stampati ta' natura diversa minn kalendarju bħal Tourist Booklet Souvenirs, Miniature Albums, kartolini u Christmas Cards u dana mingħajr il-permess espress jew taċitu tiegħu (i.e. tal-attur) u b'hekk usurpalu d-drittijiet tiegħu għall-esklusiv użu u riproduzjoni tal-fuq imsemmija 'transparencies' jew x'uħud minnhom — talab li premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvediment opportuni — (i) il-konvenut fil-kwalita premessi jiġi inibit milli juża l-imsemmija 'transparancies' fuq kwalsijasi artikolu stampat li mhux kalendarju taħt il-peni komminati mil-liġi għall-ħatjin ta' disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti għal kull eventwali infrazzjoni tal-ordni li jiġi mogħti fuq dina t-talba; (2) l-istess konvenut jiġi kundannat jirrisarċilu d-danni li hu (i.e. l-attur) sofra bħala konsegwenza tar-riproduzzjoni illegali tal-imsemmija 'transparencies' jew x'uħud minnhom fuq artikoli stampati li ma humiex kalendarji, liema danni għandhom jiġu likwidati f'dan il-ġudizzju anke okkorrendo permezz ta' perit jew periti nominandi meħud in-konsiderazzjoni n-numru ta' riproduzzjonijiet illegali kif ser jirriżulta waqt it-trattazjoni tal-kawża u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-każ; u (3) tiġi ordnata d-distruzzjoni ta' kwalsijasi artikolu stampat, li mhux kalendarju kontenenti r-riproduzzjoni ta' l-imsemmija 'transparencies' jew xi waħda minnhom jew, fejn hu possibbili, id-distruzzjoni ta' dik il-parti ta' l-

artikolu stampat kontenenti l-imsemmija riproduzzjoni kif ukoll ta' kwalsijasi strument jew apparat att għall-imsemmija riproduzzjoni illegali; bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li d-domandi attriċi huma nfondati billi hu kien xtara l-proprjeta tat-'transparencies' u sata' kwindi jużahom kif irid; fi kwalunkwe kas, jekk kien hemm xi ksur ta' "copyright" dan sar in buona fede u għalhekk l-attur m'għandu ebda rimedju ħlief dak kontemplat fl-artikolu 8 tal-Copyright Act 1911.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li biha solleva l-irritwalita tat-tielet domanda attriċi peress li d-distruzzjoni ta' l-artikoli li jirriżulta li kisru l-copyright hi prevista fl-artikolu 11(3) tal-Copyright Act 1911 taħt "Summary Remedies" li skond l-artikolu 13 jgħodd biss għar-Renju Unit.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-tmienja ta' Marzu, 1965 li biha ddeċidiet billi (a) iddikjarat li nonostanti l-iskrittura eżibita u kuntrarjament għall-konklużżjoni li l-attur irid jiġbed minnha, il-konvenut kien akkwista l-proprjeta assoluta tat-transparencies in kwistjoni mingħand l-attur bid-drittijiet tar-riproduzzjoni relativa bla ebda limitazzjoni u konsegwentement (b) ċaħdet it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu — wara li kkunsidrat:—

. . . OMISSIS . . .

Rat in-nota tal-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata u t-talbiet tiegħu jiġu milqugħa bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u tistħoqq konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazjoni u kkunsidrat:—

Il-konklużżjoni sostanzjali ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tinsab kompendjata f'dan il-bran tas-sentenza appellata fejn jingħad illi il-konklużżjoni ma tistax tkun, fil-ħsieb tal-Qorti, ħlief li l-konvenut għandu jiġi ritenut li akkwista l-copyright tat-transparencies in kwistjoni jew le, fl-agħar ipotesi għalih, għamel dak li għamel bil-kunsens taċitu ta' l-attur."

Kwantu għall-ewwel parti ta' din il-konklużżjoni, ċioe illi l-konvenut għandu jitqies li akkwista minn għand l-attur il-proprjeta assoluta tat-transparencies mingħajr ebda limitazzjoni ta' l-użu tagħhom, l-ilment ta' l-appellant huwa illi, b'dan il-mod, l-ewwel Onorabbli Qorti ppreferiet li toqgħod fuq id-deposizzjoni nċerta u nteressata ta' l-appellat pjuttost milli fuq il-kliem ċar u sod ta' l-iskrittura li nkorporat il-ftehim li kien sar bejn il-partijiet. "Il-forza probatorja ta' din li skrittura" — jgħid l-appellant — hi kbira, għaliex ġiet redatta qabel ma l-appellat ikkommetta l-abbuż li qed jiġi attakkat f'din il-kawża. . . Oltre dan, li skrittura għandha mportanza legali għall-validita tat-trasferiment tal-copyright. Difatti l-artikolu 5(2) tal-Copyright Act, 1911, jgħid illi tinħtieġ li skrittura għall-validita ta' kull trasferiment. Għaldaqstant, ġa li darba, fl-iskrittura jingħad illi l-użu kien ristrett għal kalendarji, ma' jista' bl-ebda mod jiġi estiż għal kartolini u skopijiet oħra."

Din il-Qorti taħseb li hemm ħafna fondament f'dan l-ilment. Apparentement l-imsemmija disposizzjoni ta' l-art. 5 tal-Copyright Act ma ġietx ċitata lill-ewwel Onorabbli Qorti għax fis-sentenza appellata ma hemm ebda riferenza għaliha. Dik id-disposizzjoni tgħid illi:—

"5(2): The owner of the copyright in any work may

> assign the right, either wholly or partially . . . and may grant any interest in the right by licence, **but no such assignment or grant shall be valid unless it is in writing signed by the owner of the right in respect of which the assignment or grant is made, or by his duly authorised agent."**

Il-kitba, mela, hi essenzjali għall-validita sew tat-trasferiment tal-copyright kemm ta' kwalunkwe għoti ta' dritt dwaru b'liċenza. Jekk dana hu hekk, ma jistax ikun korrett dak li jingħad fis-sentenza appellata fis-sens illi "sakemm saret l-iskrittura (u l-ftehim kien konkjuż qabel il-firma ta' din l-iskrittura) in-negozju bejn il-kontendenti kien ta' bejgħ tat-transparencies bid-drittijiet kollha relativi ta' proprjeta tant li dawn it-'transparencies', essenzjali biex isir użu futur minnhom, kellhom jibqgħu fil-pussess tal-konvenut. Din l-iskrittura għalhekk . . . ma tirrappreżentax il-ftehim bejn il-kontendenti, fis-sens li mingħajrha dan ma kienx ikun komplit u konkjuż, u hi aktar fin-natura ta' prova li tindika x'kien dan il-ftehim, b'mod li ċ-ċirkostanzi li wasslu għalih jassumu mportanza akbar milli kien wieħed jista' jatihom taħt ċ-ċirkostanzi differenti."

Fil-fehma ta' din il-Qorti, invece, ġa la darba li skritt kien essenzjali għall-validita tal-ftehim (kien x'kien, ċioe trasferiment assolut jew sempliċe liċenza ta' użu) il-konvenzjoni bejn il-partijiet ma setgħatx tkun kompluta jew konkjuża mingħajr li skrittura u dak li sar qabilha ma jistax jitqies ħlief bħala "trattivi ta' ftehim" li jista, talvolta, jittieħed in konsiderazzjoni biex tiġi nterpretata li skrittura jekk din hi ambigwa jew oskura, iżda ma jistax jipprevali għaliha jekk hi ċara u univoka, u sakemm ma tiġix annullata għal xi vizzju fiha.

X'ġara eżattament fid-diskors li sar qabel saret li skrit-

tura anqas hu għal kollox ċar. L-appellant xehed illi xi ġurnata f'April ta' l-1958 hu staqsa lill-appellat kienx interessat f'xi transparencies li kellu: peress li l-appellat irrispondih affermattivament, hu tah numru ta' transparencies biex jarahom: l-appellat għażel ħamsa jew sitta, offrielu l-prezz ta' żewġ liri u nofs (£2.10.0) il-waħda u hu aċċetta. L-appellant qal li ma jatax jgħid preċiżament kienx qabel jew wara li ftehmu fuq il-prezz illi hu qal lill-appellat illi dawk it-transparencies li għażel kellu jużahom għall-kalendarji biss. Meta l-appellant qal dan il-kliem lill-appellat, dan ma rrisponda xejn. Dak inhar stess jew l-għada l-appellant ittajpja l-iskrittura u aktar l-għada taha lill-appellant għall-firma tiegħu u hu ffirmaha.

L-appellat xehed illi, meta sar il-ftehim għax-xiri l-appellant ma għamillu ebda restrizzjoni, ħlief għal waħda fejn kien hemm il-figuri ta' koppji li qallu biex ma jużahix għal postcards. Ċirka xahrejn wara l-appellant ħadlu li skrittura u qallu: "biex l-affarijiet ikunu regolari sejjer nagħtik l-irċevuta." Hu ħadha, iffirmaha u irmiha (wara qal li qattagħha, u, aktar tard, din il-karta nstabet merfugħa).

Mingħajr ma hemm bżonn li l-Qorti tidħol f'dettalji, il-Qorti jidhrilha li d-deposizzjoni ta' l-appellant, in ġenerali, hija aktar attendibbli minn dik, in ġenerali, ta' l-appellat: jidher ċar illi forsi minħabba li għall-appellat din ma kienetx operazzjoni kbira u kienet negozju minn bosta oħrajn ta' kull xorta fil-business tiegħu li hu għamel, u kien għadda ż-żmien sa kemm xehed, il-memorja tiegħu dwar dak li ġara fil-każ presenti ma kienetx ċara. Ix-xhieda ta' l-appellant hi aktar konsistenti u aktar konfermata mid-dokumenti prodotti.

Jibqa veru b'dana kollu li, sa kemm in-negozju baqa' fuq il-ftehim verbali biss il-limitazzjoni ta' l-użu ma kienetx

tista' tingħad, skond il-provi, li kienet ġiet kjarament u ndubbjament stipulata bi ftehim komuni: jista' jkun illi fil-waqt li l-appellat ma riedx jikkometti ruħu, l-appellant invece, ried li dik il-limitazzjoni tkun hemm.

Kieku l-ftehim baqa verbali biss u l-Qorti kienet tippreferixxi l-versjoni ta' l-appellat, jista' jkun illi, għad illi dak li ftehim kien ikun invalidu bħala trasferiment tal-copyright jew bħala għoti ta' liċenza dwaru, b'dana kollu l-appellant kien ikun inibit minħabba fih li jaġixxi kontra l-appellat għall-ksur tal-copyright. Igħidu Copenger and Skone illi "a purported assignment made orally would no doubt avail to protect the assignee against an action for infringement by the assignor, and might, if the consideration was executed, be treated as an equitable assignment" (8th Ed. p. 107).

Iżda, il-ftehim, fil-fatt ma baqax dak verbali iżda ġie inkorporat fl-iskrittura li kif inqtal kienet skond il-liġi essenzjali għall-validita tal-ftehim bħala trasferiment tal-copyright u f'din l-iskrittura l-limitazzjoni tirriżulta kjarament. Biha, l-appellant ta' lill-appellat "**permission to make use**" tal-ħames transparencies imsemmija "**in connection with the printing of calendars.**"

Li dan il-kliem ma' jfisserx l-istess ħaġa bħal dak li skond l-appellat, kien intqal bil-fomm jidher mill-istess difiża ta' l-appellat li fil-verbal fol. 12, kien talab biex jipproduċi provi, appuntu biex juri illi "ftehim ma kienx dak riżultanti mill-iskrittura" . . . "billi din ma tirrispekkjax l-istess ftehim." Dan vwoldiri illi l-provi ġew mitluba mill-appellat mhux biex jispjegaw jew jikkjarixxu xi ħaġa ambigwa jew oskura fl-iskrittura iżda biex jippruvaw ftehim differenti; u dan mhux permess, anki kieku dawk il-provi kienu tassew juru hekk.

L-appellat kompla jgħid, f'dak il-verbal illi "l-firma (tiegħu) kienet ġiet karpita." Anqas hemm bżonn jingħad illi f'sens legali almenu, m'hemm assolutament ebda prova ta' din l-allegazzjoni: ovvjament ma' jistax jingħad illi l-firma ta' l-appellat ġiet "karpita" sempliċement talvolta għaliex hu ma qarax li skrittura qabel iffirmaha jew ma tax kaž ta' dak li kien fiha.

Il-Qorti, għalhekk, issib bħala fatt illi skond li skrittura li kienet vinkolanti bejn il-partijiet, il-permess ta' użu mogħti mill-appellant lill-appellat rigward it-transparencies kien għall-kalendarji u l-appellat ma satax jużahom, kif għamel, għal skopijiet oħra.

L-ewwel Onorabbli Qorti, pero, dehrilha illi, ankorke jingħad illi kien hemm oriġinarjament miftehma dik il-limitazzjoni ta' użu, b'dana kollu għal dak li għamel l-appellat kien hemm il-kunsens taċitu ta' l-appellant. Jidher li hu aċċettat illi l-kunsens ta' sid il-copyright jipproteġi l-konvenut f'azzjoni ta' ksur tiegħu u li dan il-kunsens jista' jkun anki verbali u anki taċitu jew impliċitu fil-kondotta ta' dak is-sid (Copangis and Skone, ibid. p. 118). Iżda din il-Qorti ma jidhriliex li l-kunsens ta' l-appellant ġie ppruvat.

Fis-sentenza appellata l-kunsens taċitu ta' l-appellant ġie deżunt mill-fatt illi (1) hu ma pprotestax meta, fil-kalendarji, l-appellat niżżel illi l-copyright kien ta' l-A.B.C. Library; u (ii) ma pprotestax malli nduna li saru Christmas Cards mill-istampi tal-Kalendarji mhux mibjugħa. Kwantu għall-ewwel raġuni, il-Qorti taħseb illi hu faċli li wieħed iwieġeb illi l-appellant sata deherlu li sa kemm si trattava ta' riproduzzjoni f'kalendarji, hu ma kellux la raġuni biex jilmenta u lanqas dritt. Kwantu għat-tieni raġuni. il-provi —

senjatament il-korrispondenza issa eżibita f'din l-istanza — juru illi l-appellant fil-fatt ipprotesta meta sar jaf illi l-appellat kien għamel użu mit-transparencies għall-ħwejjeġ oħra.

Għalhekk, mela, infrazzjoni da parti ta' l-appellat kien hemm.

Issa t-talbiet ta' l-appellant skond iċ-ċitazzjoni huma tlieta u ser jiġu kunsidrati waħda waħda.

Fl-ewwel lok hu talab li l-appellat jiġi inibit milli jużu t-transparencies fuq kwalsiasi artikolu stampat li mhux kalendarju. Normalment, meta jiġi pruvat ksur ta' copyright dan ir-rimedju għandu jingħata mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġu ppruvati danni attwali: iżda l-Qorti għandha diskrezzjoni biex tista' tirrifjuta dak ir-rimedju jekk jirriżulta illi m'hemmx probabilita ta' dannu jew li l-ksur u d-danni huma trivjali (op. cit. 161-162). Kif ser jingħad aktar il-quddiem din il-Qorti hi ta' fehma li, salvi biss id-danni li ser jiġu akkordati, ebda dannu ieħor ma hu probabli għall-appellant mill-użu li l-appellat jista' jibqa jagħmel mit-transparencies, jew al piu si tratta ta' dannu talment improbabbli u ipotetiku u trivjali li jista' jiġi njorat. Għalhekk din l-ewwel talba ma timmeritax li tiġi akkolta.

Fit-tieni lok l-appellant talab li l-appellat jiġi kkundannat iħallsu, d-danni li jiġu likwidati. Kontra din id-domanda l-appellat eċċepixxa li hu kien in buona fede u għalhekk ma għandux ikun tenut għad-danni. Issa hu veru illi skond l-artikolu 8 ta' l-Copyright Act, konvenut f'azzjoni ta' ksur ta' copyright f'xogħol hu meħlus mir-rimedji ċivili akkordati lis-sid tal-copyright ħlief l-inibizzjoni "if the defendant proves that at the date of the infringement he was not aware and had no reasonable ground for suspecting that copyright

existed in the work." Iżda din l-eżenzjoni ma tattaljax ruħha għaċ-ċirkostanzi tal-każ preżenti. Din id-difiża, kif sewwa irrileva l-appellant fl-iskrittura tal-proċess, tippostula li l-konvenut ma jkunx jaf u ma jkollux raġuni biex jissospetta illi jeżisti copyright. L-aqwa li jista' jingħad li ħaseb l-appellat hu talvolta li l-permess ta' użu mogħti lilu mill-appellant kien illimitat. Iżda ġie ritenut "copyright being a proprietary right, ignorance is no excuse for infringement. Similarly **it is no defence that the defendant has relied upon a licence or assignment which he believed to have been granted by the owner of the copyright if this is not the case".** (op. cit. p. 120).

Mela l-appellat għandu jħallas id-danni. Dawn id-danni, in ġenerali, jikkonsistu fid-deprezzament kaġunat bil-ksur fil-valur tal-copyright 'as a chosen action'. Biex jitqiesu għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, iżda il-profitt li sata talvolta għamel l-appellat mill-infrazzjoni mhux ħaġa li għandha tittieħed in konsiderazzjoni.

Fil-każ preżenti l-Qorti hi ta' fehma illi l-unika ħaġa li, skond il-provi, tista' tiġi kunsidrata hi t-telf ta' profitt li l-appellant kien xort'oħra jagħmel kieku t-trasferixxa lill-appellat il-copyright b'mod assolut: ebda telf jew preġudizzju ieħor ma ġie pruvat u anqas allegat mill-appellant. Dan meta xehed qal illi meta hu għamel in-negozzju ma l-appellat it-transparencies li kkonsenjalu kienu l-uniċi kopji li kellu u hu ma żammx kopji għalih: "Għalhekk b'dan il-mod" — kompla jgħid l-appellant — "meta kont qed nagħmel in-negozju mal-konvenut, l-użu futur minn dawk it-trasparencies għalija ma kienx iżjed possibli għaliex kienu f'idejn il-konvenut. Jiena ma kelli l-ebda raġuni speċjali biex nillimita l-użu ta' l-istess transparencies lill-konvenut.

tat għall-prezz li hu offra għalihom." Hu kompla jgħid illi "meta wieħed jagħti użu ta' transparencies simili m'hemmx prezz għalih . . . jiena mort biex inbiegħlu għall-kalendarji biss u biex natih "world sight" ta' l-istess transparencies, cioe ta' kalendarji biss. Li kieku meta jiena għadt lill-konvenut bl-użu limitat li semmejtlu qal li ma kienx aċċettabbli għalih, kont ngħidlu: Allura ma nagħmlu xejn. Jista' jkun li flok inħassar mill-ewwel il-ftehim kont nipprova nasal fi ftehim ieħor dwar il-prezz. Kont nagħmillu prezz li kien ikun a bażi ta' dak li jista' jaqla minnhom. Naħseb li kont ngħidlu ħamsin lira (£50) l-waħda."

Minn din ix-xhieda ta' l-appellant innifsu meta jirriżulta li hu kien tal-fehma illi t-transparencies kienu spiċċaw għalih kompletament, għal dak li kien użu tagħhom da parti tiegħu: għall-futur hu ma sata jagħmel ebda użu minnhom: hekk qal l-appellant.

Fil-petizzjoni ta' l-appell ġie suġġerit "illi l-appellant kellu transparencies simili fil-pussess tiegħu, kif jista' jipprova, għaliex hu użat li jiġbed żewġ fotografiji ta' l-istess xeni u b'hekk kellu l-possibilita li jarġa jbiegħ id-dritt ta' riproduzzjoni għall-kartolini: hu ġie miċħud milli jista' jagħmel użu mill-istess xeni għall-kartolini minħabba l-aġir illegali ta' l-appellat."

Il-Qorti taħseb li dan ġie miktub minħabba svista ta' dak li l-appellant kien xehed kif riportat hawn fuq, fejn qal illi hu ma kellux kopji tat-transparencies u li, minn dawk li kkonsenja lill-appellat ma sata jagħmel ebda użu fil-futur. Fi kwalunkwe każ, f'din l-istanza, l-appellant ma għamel u ma offra ebda prova differenti. Jekk imbagħad għal grazzja ta' l-argument, hu kellu transparencies oħra differenti, anki jekk jixbħu, lil dawk in kwistjoni ma kien hemm u m'hemm xejn li jimpedih li jiddisponi minnhom kif irid.

Il-kwistjoni mela hi biss, fil-fehma tal-Qorti, xi prezz sata idaħħal l-appellant tat-transparencies kieku ma saret ebda limitazzjoni. Jekk il-Qorti toqgħod, **kif ma tistax ħlief tagħmel,** fuq il-provi li hemm fil-proċess, il-pretensjoni ta' l-appellant li hu sata jġib £50 il-waħda tagħhom, tidher sempliċement fantastika. Fuq din il-kwistjoni l-appellant ma ressaq ebda xhieda barranin anqas biex jikkumbatti l-prova li għamel l-appellat b'diversi xhieda tiegħu. Minn dawn, Edwin Galea biegħ transparencies ta' veduti ta' Malta lill-appellat bil-prezz ta' lira u għaxar xelini (£1.10.0) il-waħda. Joe Azzopardi begħlu bil-prezz ta' għaxar xelini (10/-). Dun Frans Camilleri xehed li hu biegħ transparencies lill-appellat bil-lira u nofs (£1.10.0) il-waħda u jaf li hu offra dan il-prezz lil fotografi oħra u jagħmel bit-transparencies li jrid. Skond dan ix-xhud, il-Gvern l-iżjed li ħallas għal kull transparency huwa l-prezz ta' £4.4.0 George Fabri xehed illi fl-1958/59 id-Dipartiment ta' l-Informazzjoni kien inkariga lill-appellant biex jieħu xi ritratti ta' postijiet partikolari u hu għamel film sħieħ: fil-fatt, id-Dipartiment uża tliet transparencies, waħda li għaliha wara ċertu tiġbid, ħallas £5.5.0 għad-dritt ta' riproduzzjoni biss għal dak il-kalendarju u wara li sar il-ħlas ta' £5.5.0 għar-riproduzzjoni biss għal dak il-kalendarju **u sar il-ħlas ta' tmien liri u tmien xelini (£8.8.0) il-proprjeta assoluta taż-żewġ transparencies saret tad-Dipartiment.**

Dawn huma l-provi kollha li hemm fuq dan il-punt. Il-Qorti taħseb illi, anki meta jsiru favur l-appellant il-presunzzjonijiet kollha, cioe li talvolta hu fotografu wisq aħjar mill-oħrajn li xehdu u li, waqt li huma forsi kienu jagħmlu n-negozju b'"hobby" u ma kienx wisq jimpurtohom, hu kien jagħmlu bis-serjeta, il-Qorti ma tistax timmaġina illi, għal trasferiment illimitat, l-appellant kien jista' jġib aktar minn, ngħidu aħna, ħames liri (£5) flok żewġ liri u għaxar xelini

(£2.10.0) l-waħda. Dan il-prezz hu akbar minn dak, anki, li qal li ħallas il-Gvern, komplessivament għal tlett transparencies (£13.13.0).

Għalhekk in linea ta' danni l-Qorti ma tistax, skond il-provi, takkorda lill-appellant aktar minn tlettax il-lira (£13) (cioe d-dfferenza bejn £25 u t-£12 li ġa rċeva).

Fit-tielet lok l-appellant fiċ-ċitazzjoni talab li tiġi ordnata d-distruzzjoni ta' kwalsiasi artikolu stampat in kontravenzzjoni u ta' kull strument jew apparat att għar-riproduzzjoni illegali.

Kif sewwa osserva l-appellat, pero, dan ir-rimedju ta' l-ordni tad-distruzzjoni hu fil-liġi kontemplat għall-proċeduri kriminali (art. 11(3) ta' l-Att) u hu diskrezzjonali għall-Qorti. It-talba, kif formulata, ma tistax tiġi milqugħa.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi fuq l-appell billi:—

Tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li —

(1) Tirrevokaha in kwantu ddikjarat li nonostanti l-iskrittura eżibita u kuntrarjament għall-konklużżjoni li l-attur irid jiġbed minnha, il-konvenut kien akkwista l-proprjeta assoluta tat-transparencies in kwistjoni mingħand l-attur bid-drittijiet tar-riproduzzjoni relativa bla ebda limitazzjoni.

(2) tikkonferma, fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, in kwantu ċaħdet l-ewwel u t-tielet talbiet ta' l-attur.

(3) tirrevokaha u kwantu ċaħdet it-tieni talba ta' l-attur billi, minflok, tilqa' dik it-talba u tikkundanna lill-kon-

venut iħallas lill-attur, bħala danni s-somma ta' tnax il-lira u għaxar xelini (£12.10.0).

L-ispejjeż, in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ jitħallsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenut.